**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR** | **CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

CCT/72/25/S

Godfrey Abela

Vs

Gordon Cassar eżerċenti l-kummerċ bl-isem Flash Point Sound & Security

Illum 9 ta' Lulju,2026.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrent Godfrey Abela ippreżentata fit-4 ta' April 2025 u r-risposta ta' Gordon Cassar eżerċenti l-kummerċ bl-isem Flash Point Sound & Security ippreżentata fl-24 ta' April 2025. Ra id-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u x-xhieda u trattazzjonijiet tagħhom magħmula fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2026

Ikkunsidra,

Illi t-talba tar-rikorrenti hija dwar talba għal riżarċiment ta' prezz ta' *sound system* li jammonta għal elf tlitt mija u għoxrin euros (€1,320), li wara ċertu żmien ta bidu ghal xi ilmenti min-naħa tar-rikorrenti.

Illi din it-talba trid tiġi ppruvata minn min jallega u dan fuq dak li ripetutament sostnut mil-Qrati tagħna u cioe' skont il-massima *incumbit probation ei qui dicit non ei qui negat;* (Ara sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet "*Francis Mallia vs Andre Aquilina eżerċenti l-kummerċ bħala Innovatech*".

Illi dan l-obligu ta' prova dejjem jinsab fuq spallejn min jallega u dan skont l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt l-artiklu 562 jgħid hekk ""*Saving any other provision of the law, the burden of proving a fact shall, in all cases, rest on the party alleging it.*"

Illi mill-provi jidher li għaddew żewġt isjuf minn meta is-sistema ġiet stallata u bdew isiru l-ilmenti mir-rikorrenti.

Illi ġie preżentat mir-rikorrenti rapport ta' espert li pero' ma stqarx fl-ebda ħin illi il-prodott suplit mill-intimat kien ħażin jew l-istallazzjoni saret ħażina.

Illi f'dan il-każ it-Tribunal irid jara jekk l-intimat naqas milli jipprovdi prodott tal-kwalita' pattwita u dan jidher li seħħ bi ftehim u qbil mar-rikorrenti kif ukoll jekk l-istallazzjoini ma kinitx waħda tajba.

Illi għalkemm is-sistema f'ċertu ħin ma ħadmitx kif ried ir-rikorrenti, ma inġiebet ebda prova da parti tar-rikorrenti illi dan kien nuqqas attribwit direttament lill-intimat.

Illi it-Tribunal jagħmel ukoll riferenza li din is-sistema saret fuq dgħajsa fejn hemm ċertu limitazzjonijiet fl-ispazju u ghalhekk fin-nuqqas ta' provi ċari illi l-intimat ma pprovdiex dak miftiehem jew mhux tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet jew li s-sistema ma ġietx stallata kif suppost, dan it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tar-rikorrenti *stante* illi l-istess rikorrenti ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat u cioe' li s-sistema tas-*sound* kif stallata kienet difettuża.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrenti Godfrey Abela filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Gordon Cassar eżerċenti l-kummerċ bl-isem Flash Point Sound & Security, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru